**Emenda 7**
**Anna Fotyga**
f'isem il-Grupp ECR

**Rapport** **A9-0404/2023**
**Željana Zovko**
Ir-rwol tad-diplomazija preventiva fl-indirizzar tal-kunflitti ffriżati madwar id-dinja - opportunità mitlufa jew bidla għall-futur?
(2023/2050(INI))

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Premessa ALa (ġdida)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
| --- | --- |
| | ***ALa. billi l-assi dejjem akbar bejn ir-Russja, iċ-Ċina u l-Iran qed jistrumentalizza l-organizzazzjonijiet internazzjonali, b'mod partikolari l-korpi tan-NU, biex idgħajjef id-dritt internazzjonali u jissuġġettahom għall-interessi tagħhom, li qed jikkontradixxi dejjem aktar il-Karta tan-NU u l-ordni globali bbażat fuq ir-regoli;*** |

Or. en



Magħquda fid-diversità

**Emenda 8**
**Anna Fotyga**
f'isem il-Grupp ECR

**Rapport** **A9-0404/2023**
**Željana Zovko**
Ir-rwol tad-diplomazija preventiva fl-indirizzar tal-kunflitti ffriżati madwar id-dinja - opportunità mitlufa jew bidla għall-futur?
(2023/2050(INI))

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 1 – punt (x)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (x) jistabbilixxu kooperazzjoni mill-qrib mal-uffiċċji u l-aġenziji rilevanti tan-NU u ma' atturi internazzjonali oħra ***fil-prattika*** biex tingħabar informazzjoni fil-kuntest tal-isforzi ta' twissija bikrija; | (x) jistabbilixxu kooperazzjoni mill-qrib ***fil-prattika*** mal-uffiċċji u l-aġenziji rilevanti tan-NU u ma' atturi internazzjonali oħra***, b'mod parikolari n-NATO,*** biex tingħabar informazzjoni fil-kuntest tal-isforzi ta' twissija bikrija; |

Or. en


Magħquda fid-diversità

10.1.2024 A9-0404/9

**Emenda 9**
**Anna Fotyga**
f'isem il-Grupp ECR

**Rapport** **A9-0404/2023**
**Željana Zovko**
Ir-rwol tad-diplomazija preventiva fl-indirizzar tal-kunflitti ffriżati madwar id-dinja - opportunità mitlufa jew bidla għall-futur?
(2023/2050(INI))

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 1 – punt (ay)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (ay) isaħħu s-sħubijiet u l-koordinazzjoni dwar id-diplomazija preventiva ma' atturi internazzjonali, reġjonali u subreġjonali, bħan-NU, l-OSKE u l-Uffiċċju tagħha għall-Istituzzjonijiet Demokratiċi u d-Drittijiet tal-Bniedem, l-Unjoni Afrikana u l-komponenti reġjonali tagħha, l-organizzazzjonijiet reġjonali Afrikani (bħall-ECOWAS), l-Organizzazzjoni tal-Istati Amerikani u l-Assoċjazzjoni tan-Nazzjonijiet tax-Xlokk tal-Asja; jinnotaw li sħubija aktar mill-qrib man-NU u l-korpi tagħha, b'mod partikolari l-Kummissjoni għall-Bini tal-Paċi, tista' twassal għal koordinazzjoni msaħħa fil-prevenzjoni tal-kunflitti fuq livell globali; | (ay) isaħħu s-sħubijiet u l-koordinazzjoni dwar id-diplomazija preventiva ma' atturi internazzjonali, reġjonali u subreġjonali, bħan-NU, l-OSKE u l-Uffiċċju tagħha għall-Istituzzjonijiet Demokratiċi u d-Drittijiet tal-Bniedem, ***in-NATO,*** l-Unjoni Afrikana u l-komponenti reġjonali tagħha, l-organizzazzjonijiet reġjonali Afrikani (bħall-ECOWAS), l-Organizzazzjoni tal-Istati Amerikani u l-Assoċjazzjoni tan-Nazzjonijiet tax-Xlokk tal-Asja; jinnotaw li sħubija aktar mill-qrib man-NU u l-korpi tagħha, b'mod partikolari l-Kummissjoni għall-Bini tal-Paċi, tista' twassal għal koordinazzjoni msaħħa fil-prevenzjoni tal-kunflitti fuq livell globali; |

Or. en


Magħquda fid-diversità